# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

### *Laqgħa numru 44*

***1 t'Awissu 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

### *44.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

44.1.1 Is-Sindku is-Sur Francis Debono qal waqt is-seduta rċieva sms mill-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit li mhux ser ilaħħaq jasal għall-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol.

### *44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

44.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

44.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jixtieq jgħaddi direttament għall-mistoqsijiet li għandhom il-Membri l-oħra tal-Kunsill.

### *44.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

44.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li s-sitwazzjoni tas-sigurta' fil-lokalita marret mill-ħazin għall-għar u hemm bżonn li sew l-awtoritajiet kif ukoll il-korp tal-Pulizija jagħtu rendikont xieraq ta' dak li qed jwettqu fil-lokalita' tal-Marsa. Huwa saħaq li hemm bżonn b'mod urġenti li ssir laqgħa fil-preżenza tal-Kummissarju hekk kif jemmen li t-tweġiba tal-Ispettur mhix waħda aċċettabli u jekk hemm problema ta' riżorsi hemm bżonn li din nindirizzawha mall-Kummissarju. Il-Kunsillier saħaq li hemm bżonn inkunu nafu kemm inġabru nies bil-birra u kemm saru rondi mill-RIU. Finalment huwa saħaq li hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel mixja ta' solidarjeta' mall-poplu Marsi li issa ilu ħafna snin ibgħati min dawn il-problemi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed iwassal dan il-messaġġ lill-Kummissarju u kull min huwa kkonċernat.

44.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ilmenta dwar il-ħmieġ li hemm fis-shelter ta' Santa Rita. Huwa qal li dan għandhu bżonn jitnaddaf għax hemm ħafna ħmieġ. Huwa reġa talab dwar il-possibilita' li ssir ħġieġa biex ma jibqgħax jintrema' skart, hekk kif il-Kunsill ilu jgħid l-Għaqda Storika u Kulturali biex jgħamluha. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill mhux ser jidejjaq li jeġa jressaq is-suġġett mall-istess Għaqda.

44.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li tal-Cleansing Department tella stampa ta' fejn il-White Brothers il-Marsa li tnaddaf, iżda din mhix vera. Hemm bżonn li wieħed jinfurmahom dwar dan l-iżball. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jinfurmahom biex l-informazzjoni li wieħed itella tkun korretta.

44.4.4 Il-Kunsillier is-Frank Zammit qal li fil-ġranet li għaddew ġie maħtur mill-Gvern Malti bħala Ambaxxarur għal Malta għas–Santa Sede, pero din il-ħatra qegħda fil-proċess biex tkun approvata mis-Santa Sede. F'każ li s-Sur Zammit jiġi approvat ser ikollu jirrizenja mill-kariga ta' Kunsillier li qed jokkupa mall-Kunsill Lokali tal-Marsa. Is-Sindku f'isem il-Kunsill kollu feraħ lis-Sur Zammit għal din il-ħatra u awguralu l-ħidma t-tajba fl-irwol li qed ikun imsejjaħ għaliħ.

## *44.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

44.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *44.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

44.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li fil-jiem li għaddew tqassmet email mis-Surmast tal-Iskola Primarja San George Preca dwar il-possibilita' li l-Kunsill jgħin finanzjarjament l-iskola fil-provista' tat-transport u ilma. Mill-korrispondenza li rċevejna mill-Kunsilliera hemm qbil li din l-għajnuna tingħata. Il-Kunsillier is-Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.7 Quarterly Financial Report January – June 2018 (Q2 )*

44.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert jgħati rendikonjt tal-andament finanzjaru tal-Kunsill għall-ewwel sitt xhur ta' din is-sena. Is-Segretarju qal f'dan il-perjodu kien hemm surplus ta' madwar €37,800 li huwa ferm pożittiv meta wieħed iqis li kien mistenni tnaqqis ta' madwar €31,000. Hawnhekk rajna li filwaqt li żied marginalment id-dħul tal-Gvern, kien hemm tnaqqis fl-infieq tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Francis Debono saħaq li matul is-sena ser ikun hemm xi toroq li ser isiru u għalhekk jista' jkun li l-infieq fix-xhur li ġejjin ser jiżdied.

## *44.8 Bdil ta' rampi tal-kantunieri ta' diversi toroq*

44.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li hemm diversi rampi tal-kantunieri f'diversi toroq li huma tal-konkos u li jiżolqu. B'hekk hemm bżonn li dawn isiru b'ċangaturi non-slip bir-rampa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer żied jgħid li jekk hemm rampi jizolqu quddiem garaxxijiet huwa tajjeb li dawn isiru. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.9 Ħruġ ta' Tender Upkeep and Maintenance of Soft Areas*

44.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li peress li t-Tender tal-Upkeep and Maintenance tas-Soft Areas ser ikun qed jagħlaq f'Ottubru ser ikun hemm bżonn li jerġa joħroġ it-tender tiegħu fix-xhur li ġejjin. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.10 Ħruġ ta' Tender Cleaning and Maintenance of Public Gardens*

44.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab ukoll l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħareġ it-tender dwar it-tindif u l-maintenance tal-ġonna pubbliċi fil-lokalita'. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.11 Avviż għal Boat trip*

44.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekkutiv jagħti d-dettalji tal-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill sabiex issir Boat Trip għat-tfal u li jkunu akkumpjati mill-ġenturi tagħhom. Wara li raw li l-offerti kollha kienu ser ikunu aktar min €1,700 ħassew li m'għandhomx jintefqu dawn il-flus f'okkazjoni waħda. B'hekk l-attivita' għal boat trip tħassret. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.12 Kompettizjoni tat-Tappini*

44.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li bħas-snin ta' qabel il-Kunsill huwa interessat li jerġa jorganizza l-attivita' tal-ġbir tat-tappijiet. Dan hekk kif sena wara l-oħra l-attendenza u l-entużjażmu għal din l-attivita' qegħda tiżdied fost it-tfal Marsin. Dan huwa ta' sodisfazzjon għall-Kunsill li t-tfal tal-lokal qegħdin jipparteċipaw għal attivita' li hija mmirata biex tqajjem għarfien dwar l-ambjent u l-ħsara li qed jagħmel il-plastik meta dan jintrema barra u ma jinġabarx mall-iskart riċiklat. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur din l-attivita' kien wieħed unanimu.

## *44.13 Bidla ta' Bankina fi Triq is-Sebħ*

44.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq fuq il-mejda tal-kamra ir-ritratt ta’ bankina li hemm bżojn tinbidel fi Triq is-Sebħ, hekk kif il-ħsara li għandha qed tkun ta’ periklu għal dawk li jgħaddu minnha. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur dan il-bdil kien unanimu.

## *44.44 Deċiżjoni fejn ser jitpoġġa l-ħawt tal-ilma*

44.14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab il-Membri tal-Kunsill sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar fejn ser jitpoġġa l-hawt tal-ilma. Is-Sindku huwa tal-fehma li dan jitpoġġa jew taħt is-siġra taż-żebbuġ fejn il-Paroċċa tat-Trinita’ jew fejn il-Pont San Tumas. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa tal-opinjoni li din terġa ssir bl-ilma. Wara diskussjoni qasira ġie miftiehem li dan il-ħawt ser jitpoġġa fejn iż-żebbuġa u ser tinżamm il-possibilita’ li din issir bl-ilma jekk kemm-il darba din tkun possibli. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

44.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.35pm u ġiet aġġornata għad-19 ta’ Settembru 2018 fill-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

IFFIRMATA

Francis Debono
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 19 ta’ Settembru 2018